MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 383/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fl-14 ta' Dicembru tal-2001, u minn din l-ghaqda twieled tifel, Larson Spiteri, li ghadu minuri;

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt in atti Nutar Gerald Spiteri Maempel datat 30 ta' Novembru 2004, li kopja tieghu tinsab hawn mehmuza;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre il-fatt li ilhom aktar minn erba' (4) snin separati, huma ghandhom hajja separata minn xulxin, u anke qeghdin f'relazzjoni ma terzi;

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn mehmuz, u aktar precizament fi klawsola seba' (7), l-intimat intrabat li jivversa manteniment ghall-esponenti ghal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tal-istess kuntratt, liema perjodu skada, u liema manteniment effettivament thallas, u ghalhekk l-esponenti ma fadlilha ebda pretensjoni in rigward;

Illi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment versu il-minuri, li ai termini tal-istess att, permezz tal-istess klawsola numru seba' (7), gie likwidat u stipulat fl-ammont ta' LM 100, ekwivalenti ghal €232.94, fix-xahar, dan qed jithallas mill-intimat lill-esponenti regolarment;

Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjomha xeba, u cioe' Mifsud;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti gal kunjomha xebba, u cioe' Mifsud, u ghalhekk taghti l-ordnijiet u provvedimenti mehtiega;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet illi legalment separate mit-30 ta' Novembru 2004 u illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita, u cioe' Mifsud u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------